# Rapport tal-EASO dwar l-Asil 2020

Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea



## Sommarju Eżekuttiv

# Rapport tal-EASO dwar l-Asil 2020

## Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea

**SOMMARJU EŻEKUTTIV**

SUPPORT IS OUR MISSION

Immaġni fuq il-qoxra: Ritratt tan-NU/Eskinder Debebe
Ikoni u illustrazzjonijiet: iStock minn Getty Images, Microsoft 365

© Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, 2020
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu ta' riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' materjal ieħor li ma jkunx taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EASO, irid jintalab permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

ISBN 978-92-9485-537-4
DOI 10.2847/977488
Numru tal-katalogu BZ-04-20-293-MT-N

# Daħla

Bl-Ewropa terġa' tesperjenza żieda fin-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fl-2019 (għall-ewwel darba mill-2015 'l hawn), l-asil jibqa' prijorità għolja fl-aġenda tal-politika tal-UE. Hekk kif ix-xejriet jinbidlu maż-żmien, nibqgħu naħdmu flimkien biex nipprovdu l-aħjar soluzzjonijiet lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni, filwaqt li nżommu l-integrità tas-sistemi nazzjonali tal-asil.

L-edizzjoni tal-2020 tar-*Rapport tal-EASO dwar l-Asil* toffri ħarsa ġenerali konċiża u komprensiva tal-iżviluppi ewlenin fil-protezzjoni internazzjonali u l-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Biex jipproduċi r-rapport ewlieni annwali tiegħu, l-EASO jiġbor u janalizza informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' sorsi affidabbli biex jipprovdi ħarsa fil-fond lejn il-bidliet u t-titjib tal-politika matul is-sena, filwaqt li jissottolinja l-isfidi li għad iridu jiġu indirizzati.




Hekk kif fl-2020 l-EASO jiċċelebra l-10 anniversarju tiegħu, niftakru dwar l-importanza dejjem tikber tal-aġenzija fl-għoti ta' assistenza operazzjonali u teknika f'materji ta' asil lil pajjiżi tal-UE+. L-informazzjoni prodotta mill-EASO hija vitali biex dawk li jfasslu l-politika jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati, li jgħinu lill-pajjiżi jlaħħqu ma' xenarju dejjem jinbidel ta' xejriet migratorji u biex tingħata s-setgħa lill-amministrazzjonijiet nazzjonali fl-ipproċessar, każ b'każ, ta' fluss kontinwu ta' applikazzjonijiet.

Nistennew bil-ħerqa l-adozzjoni tant mistennija ta' regolament ġdid għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, li se jittrasforma l-EASO f'aġenzija kompluta tal-UE, isaħħaħ ir-rwol tagħha u jespandi l-mandat tagħha. Bħala ċ-ċentru ta' għarfien espert dwar l-asil, l-EASO se jkompli jipprovdi appoġġ orjentat lejn is-servizz, imparzjali u trasparenti lejn l-implimentazzjoni effettiva tas-SEKA.

Ninsab grata għall-kollaborazzjoni kontinwa mas-sħab tagħna kollha lejn sistemi ta' asil komuni, trasparenti u sostenibbli fl-Ewropa kollha. Sistemi effiċjenti jistgħu jirrispondu malajr għax-xejriet li qed jinbidlu fil-flussi migratorji u jiżguraw proċess ċar, ġust u dinjituż għal kull applikant għal protezzjoni internazzjonali. Diġà qed naraw sitwazzjonijiet globali u nazzjonali emerġenti fl-2020 li jistgħu jwasslu għal aktar persuni li jfittxu refuġju. Issa, aktar minn qatt qabel, irridu nkomplu naħdmu lejn sistema Ewropea ta' asil verament komuni billi niksbu konverġenza fl-indirizzar tal-ħtiġijiet għal protezzjoni internazzjonali u nuru solidarjetà mal-Istati Membri li huma taħt l-akbar pressjoni.

**Nina Gregori**

Direttur Eżekuttiv
Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil

# Introduzzjoni

Ir-*Rapport tal-EASO dwar l-Asil 2020* jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tal-iżviluppi fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali fil-livell Ewropew u dak nazzjonali. Abbażi ta' firxa wiesgħa ta' sorsi, ir-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali fil-qosor tal-kuntest globali tal-asil, jenfasizza l-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea (UE) u jeżamina x-xejriet prinċipali u l-bidliet fil-leġiżlazzjoni, fil-politiki, fil-prattiki u fil-każistika fost l-Istati Membri tal-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera (il-pajjiżi tal-UE+). Ir-rapport jiffoka fuq l-oqsma ewlenin tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), filwaqt li jqis il-kuntest usa' tal-migrazzjoni u tad-drittijiet fundamentali.



# 1. Ħarsa ġenerali globali tal-qasam tal-asil fl-2019



L-ispostament sfurzat minħabba kunflitt, persekuzzjoni, ksur tad-drittijiet tal-bniedem, diżastri naturali u ekosistemi degradanti huwa realtà għal miljuni ta' nies fid-dinja kollha li jaħarbu minn djarhom biex ifittxu s-sigurtà. Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-ispostamenti ewlenin tal-popolazzjoni kienu kkawżati minn kunflitt, vjolenza estrema u instabbiltà politika severa f'diversi reġjuni tad-dinja.

Fost il-persuni affettwati mill-ispostament, "refuġjat" huwa minn natura tiegħu xi ħadd li ġie mġiegħel jaħrab minn pajjiżu minħabba biża' fondata li jiġi ppersegwitat għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, sħubija fi grupp soċjali partikolari jew opinjoni politika. "Persuni spostati internament" ma qasmux il-fruntiera ta' pajjiżhom iżda xorta jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Fil-kuntest tal-Ewropa, il-protezzjoni internazzjonali tinkludi l-istatus ta' refuġjat u l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja. Din tal-aħħar tirreferi għal persuni, li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' refuġjat iżda huma eliġibbli għal protezzjoni minħabba li huma f'riskju ta' periklu serju, li jikkonsisti f'piena tal-mewt jew eżekuzzjoni; tortura jew trattament jew kastig inuman jew degradanti fil-pajjiż ta' oriġini; jew theddida serja u individwali għall-ħajjithom minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern.

F'Ġunju 2019, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) irrapporta popolazzjoni totali ta' tħassib ta' 79.4 miljun persuna, inklużi 20.2 miljun refuġjat, 3.7 miljun persuna li qed tfittex asil, 531 000 refuġjat li ttieħdu lura, 43.9 miljun persuna spostati internament (IDPs), 2.3 miljun persuna spostati internament (IDPs) li ttieħdu lura u 3.9 miljun persuna apolida skont il-mandat tal-UNHCR.

Ċittadini mis-Sirja ammontaw għal terz tal-popolazzjoni globali tar-refuġjati, b'6.6 miljun li ħarbu minn pajjiżhom.

Is-6.6 miljun refuġjat mis-Sirja kienu jammontaw għal madwar terz tal-popolazzjoni globali tar-refuġjati, segwita mill-Afganistan u s-Sudan t'Isfel, bi 2.7 miljun u 2.2 miljun rispettivament. Għal dawk li qed ifittxu protezzjoni, l-akbar grupp ta' applikanti għall-asil fl-2019 kienu ċittadini tal-Venezwela.

Il-pajjiżi li huma ġirien tal-epiċentru ta' kriżi huma ħafna drabi l-ewwel linja biex jakkomodaw persuni spostati. Fl-2019, f'termini assoluti, it-Turkija ospitat l-ogħla numri ta' refuġjati, segwita mill-Pakistan, mill-Uganda, mill-Ġermanja u mis-Sudan. F'termini relattivi, il-Libanu, il-Ġordan u t-Turkija ospitaw l-ogħla sehem ta' refuġjati fir-rigward tad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom.

Hekk kif in-numru ta' persuni spostati qed ikompli jikber globalment, il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qed jiżviluppaw strateġiji biex jirrispondu b'mod effettiv għall-isfidi kumplessi li jippreżenta l-ispostament sfurzat. L-ewwel Forum Globali dwar ir-Refuġjati sar f'Diċembru 2019 biex jimmonitorja l-iżviluppi u jagħmel rieżami tal-progress fil-pjan ta' azzjoni stabbilit skont il-Patt Globali għar-Refuġjati fl-2018. Il-patt jindirizza, fost l-oħrajn, il-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, l-akkoljenza tar-refuġjati, u l-appoġġ lill-komunitajiet ospitanti b'mod sostenibbli.

Inizjattivi ġodda jkomplu jfeġġu globalment, u jippermettu li diversi oqsma ta' migrazzjoni sfurzata jiġu mbuttati fuq quddiem nett u indirizzati f'udjenzi usa'. Żewġ suġġetti li ġibdu attenzjoni akbar fl-2019 huma l-apolidija u l-mobilità minħabba raġunijiet relatati mal-klima u mal-ambjent.

Aspett li spiss ma tantx jingħata importanza b'rabta mal-migrazzjoni furzata, huwa l-apolidija, li kisbet aktar importanza matul l-2019 minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni tal-kwistjoni sar aktar evidenti. F'Ottubru 2019, Segment ta' Livell Għoli internazzjonali dwar l-Apolidija mmarka l-punt tan-nofs tal-kampanja #IBelong, inizjattiva mnedija mill-UNHCR fl-2014 biex ittemm l-apolidija sal-2024. L-avveniment ivvaluta l-kisbiet li saru s'issa fir-rigward tal-10 għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni Globali biex Tintemm l-Apolidija.

Filwaqt li l-impatt tad-diżastri klimatiċi fuq l-ispostament tal-popolazzjoni mhuwiex fenomenu ġdid, dan qed jikseb post aktar ċentrali fid-dibattiti umanitarji, ta' politika u leġiżlattivi dwar l-ispostament. Ir-rikonoxximent dejjem jikber tal-impatt tal-fatturi ambjentali fuq il-mobilità tal-bniedem ta spinta għal diskussjonijiet ta' politika, kemm fil-livell reġjonali kif ukoll f'dak globali, biex jiġi indirizzat l-impatt tiegħu.

## Is-sehem ta' refuġjati u l-pajjiżi ospitanti globalment, 2019




#EASOAsylumReport2020
www.easo.europa.eu/asylum-report-2020
*Sors: L-EASO u l-UNHCR*

# 2. Żviluppi fl-Unjoni Ewropea

Fl-2019, ma ġie nnutat l-ebda progress leġiżlattiv ewlieni rigward l-adozzjoni tal-pakkett ta' riforma tas-SEKA. Fid-dawl tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, in-negozjati għall-pakkett ta' riforma ġew riferuti għal-leġiżlatura li jmiss. Madankollu, sar progress fl-oqsma leġiżlattivi relatati direttament mal-asil. F'Mejju 2019, il-Kunsill tal-UE adotta żewġ regolamenti li jistabbilixxu qafas għall-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. Barra minn hekk, f'Ġunju 2019, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni parzjali tiegħu dwar ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn li kienet proposta mill-Kummissjoni Ewropea f'Settembru 2018.

Is-suġġett tal-asil baqa' fil-quċċata tal-aġenda politika tal-UE fl-2019. Sakemm isiru n-negozjati leġiżlattivi, twettqet ħidma konsiderevoli fl-implimentazzjoni tal-politika u l-kooperazzjoni prattika fost il-pajjiżi tal-UE+. L-Aġenda Strateġika tal-UE għall-2019-2024, li ġiet adottata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2019, stabbilixxiet il-prijoritajiet ewlenin għaċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss, inklużi l-migrazzjoni u l-asil bħala oqsma ta' prijorità b'enfasi fuq il-ġestjoni tal-fruntieri bbażata fuq il-valuri tal-UE; il-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu; u l-kunsens tant meħtieġ dwar ir-riforma tas-sistema ta' Dublin biex jinkiseb bilanċ ta' responsabbiltà u solidarjetà.

F'Jannar 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-programm ta' ħidma l-ġdid tagħha, li għandu bħala waħda mill-prijoritajiet tiegħu t-tnedija ta' patt ġdid li se jirrikonoxxi l-interkonnettività ta' aspetti interni u esterni tal-migrazzjoni u se jistinka għal sistemi ta' migrazzjoni u asil aktar reżiljenti, aktar umani u aktar effettivi.

Il-Kunsill Ewropew adotta l-Aġenda Strateġika tal-UE għall-2019-2024, bl-asil bħala qasam ta' prijorità

F'Ottubru 2019, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni [titolu mhux uffiċjali] li evalwa l-kisbiet ewlenin mill-2015 u ffoka fuq l-iżviluppi fl-2019. Filwaqt li r-ritmu tar-riformi leġiżlattivi kien gradwali, sar progress b'pass aktar mgħaġġel fl-implimentazzjoni tal-politika u l-konsolidazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE għall-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni u l-asil, inkluż appoġġ operazzjonali u finanzjarju rapidu għall-Istati Membri li qed jesperjenzaw żieda fil-pressjoni.

Minkejja t-tnaqqis ġenerali fl-għadd ta' wasliet fil-fruntieri esterni tal-UE fl-2019, ħarġu xejriet differenti fir-rotot tal-migrazzjoni lejn l-Ewropa. Ir-rotot tal-Mediterran tal-Punent u Ċentrali kellhom anqas wasliet meta mqabbla mal-2018, filwaqt li r-rotot tal-Mediterran tal-Lvant u tal-Balkani tal-Punent esperjenzaw żieda fil-wasliet.

Dimensjoni ewlenija tal-approċċ tal-UE biex tindirizza r-rotta tal-Mediterran tal-Lvant hija s-sħubija mat-Turkija permezz tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija. Bħala riżultat tad-dikjarazzjoni, wara erba' snin ta' implimentazzjoni, il-wasliet irregolari mit-Turkija lejn l-UE baqgħu 94 % anqas minn qabel il-ftehim, u total kumulattiv ta' madwar 27 000 refuġjat Sirjan ġew risistemati mit-Turkija

lejn pajjiż tal-UE+. Għall-perjodu 2016-2025, ġie allokat total ta' EUR 6 biljun permezz tal-Faċilità għar-Refuġjati għall-appoġġ tar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fit-Turkija, b'enfasi fuq l-għajnuna umanitarja, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-infrastruttura muniċipali u l-appoġġ soċjoekonomiku. Qasam li jeħtieġ isir aktar progress fih huwa l-implimentazzjoni ta' ritorni mill-gżejjer Griegi lejn it-Turkija.

L-iżbark ta' migranti salvati fil-Baħar Mediterran kompla fl-2019, u dan issottolinja l-ħtieġa ta' approċċ tal-UE aktar sistematiku u kkoordinat għall-iżbarki inkluż l-ewwel akkoljenza, ir-reġistrazzjoni u r-rilokazzjoni. Laqgħa Ministerjali dwar il-Migrazzjoni f'Settembru 2019, bl-involviment tal-Istati Membri, il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea, wasslet għal Dikjarazzjoni Konġunta ta' Intenzjoni konkluża minn Franza, il-Ġermanja, l-Italja u Malta għal proċedura strutturata ta' emerġenza biex jiġu ġestiti l-arranġamenti għall-iżbarki u r-rilokazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea nediet proċess biex tiżviluppa Proċeduri Operattivi Standard ibbażati fuq id-dikjarazzjoni, li wassal għal fehim komuni fost l-Istati Membri u li qed jiġi applikat mil-lat operattiv.

Ir-risistemazzjoni baqgħet fil-quċċata tal-aġenda ta' politika relatata mal-asil matul l-2019. Din hija parti integrali mill-isforzi kollettivi tal-UE biex tipprovdi protezzjoni lil dawk li jeħtiġuha billi tittrasferixxi refuġjati minn pajjiż ta' asil għal stat ieħor li jkun qabel li jaċċettahom u fl-aħħar mill-aħħar jagħtihom residenza permanenti. L-Iskema Ewropea ta' Risistemazzjoni tnediet f'Lulju 2015 u, minn Diċembru 2019, żewġ programmi ta' risistemazzjoni b'suċċess għenu aktar minn 65 000 persuna.

Matul l-2019, l-UE kompliet il-kooperazzjoni tagħha mas-sħab esterni biex tiġġestixxi l-pressjonijiet migratorji permezz ta' approċċ komprensiv li għandu l-oriġini tiegħu fil-multilateraliżmu. L-għanijiet tal-attivitajiet implimentati skont id-dimensjoni esterna tal-politika ta' migrazzjoni tal-UE kienu jinkludu l-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar ir-ritorni u r-riammissjoni; l-indirizzar tal-kawżi primarji tal-migrazzjoni billi jitjiebu l-opportunitajiet fil-pajjiżi ta' oriġini u jiżdiedu l-investimenti fil-pajjiżi sħab; u l-iżgurar ta' mogħdijiet legali lejn l-Ewropa għal dawk li għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali.

Fir-rwol tagħha biex tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni armonizzati tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ħarġet 12-il sentenza fl-2019 relatati mad-deċiżjonijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni tas-SEKA. Pereżempju, il-Qorti ddeċidiet dwar:

- L-applikabbiltà tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil fir-rigward tal-protezzjoni internazzjonali eżistenti fl-Istati Membri u r-rwol tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji fit-treġġigħ lura tad-deċiżjonijiet tal-prim'istanza;
- Revoka tal-protezzjoni internazzjonali u l-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet fid-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata;
- L-irtirar ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali bħala forma ta' sanzjoni, fid-dawl tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, l-Artikolu 20(4); u
- Valutazzjoni tad-dipendenti meqjusa bħala membri tal-familja usa' (mhux familja immedjata) u aspetti proċedurali tal-proċedura tar-riunifikazzjoni tal-familja.

Il-Qorti interpretat ukoll kunċetti u aspetti tekniċi ewlenin tas-sistema ta' Dublin fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u ċċarat kwistjonijiet preliminari bħala riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE (Brexit).




*Sors: EASO.*

Fl-2019, l-assistenza operazzjonali tal-EASO laħqet livelli bla preċedent li jikkoordinaw l-iskjerament ta' aktar minn 900 persuna (inkluż persunal tal-EASO, esperti minn pajjiżi tal-UE+, ħaddiema temporanji tal-aġenzija, interpreti, medjaturi kulturali u persunal tas-sigurtà) f'erba' Stati Membri (Ċipru, il-Greċja, l-Italja u Malta). Fl-2019 madwar 40 % tal-baġit annwali tal-aġenzija ntefaq fuq appoġġ operazzjonali.

Fil-qasam ta' appoġġ lill-pajjiżi terzi, l-EASO wassal attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet fl-2019 fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, it-Turkija u pajjiżi fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA).

# 3. *Data* dwar is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil

Fl-2019, ġew ippreżentati kważi 740 000 applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+, żieda ta' 11 % meta mqabbel mal-2018. Din kienet l-ewwel darba mill-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015 li n-numru ta' applikanti beda tiela', parzjalment minħabba żieda qawwija fl-applikazzjonijiet ta' ċittadini Venezwelani u ta' ċittadini oħra tal-Amerka Latina. Fil-fatt, pajjiżi riċeventi bl-akbar numri, bħal Franza, il-Greċja u Spanja, irċevew aktar applikanti fl-2019 milli waqt il-kriżi tal-migrazzjoni.

L-applikazzjonijiet komplew jiġu kkonċentrati f'numru żgħir ta' Stati Membri. Fl-2019, Franza, il-Ġermanja u Spanja rċevew aktar minn nofs l-applikazzjonijiet kollha fil-pajjiżi tal-UE+, segwiti mill-bogħod mill-Greċja. B'kuntrast ma' dan, l-Italja rċeviet ħafna anqas applikazzjonijiet għat-tieni sena konsekuttiva, assoċjata ma' migrazzjoni irregolari mnaqqsa b'mod sinifikanti tul ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali. Jekk naqilbu minn numri assoluti għal dawk relattivi, abbażi tal-kalkoli tal-EASO, Ċipru, il-Greċja u Malta rċevew il-parti l-kbira tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali meta mqabbel mad-daqsijiet tal-popolazzjoni tagħhom.




Żieda fl-applikazzjonijiet ippreżentati fil-pajjiżi tal-UE+ fl-2019 meta mqabbel mal-2018

Fl-2019, tliet pajjiżi ta' oriġini rrappreżentaw kwart tal-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+. F'numri assoluti, l-applikanti mis-Sirja ppreżentaw madwar 80 000 applikazzjoni, segwiti minn dawk mill-Afganistan (madwar 61 000) u l-Venezwela (madwar 46 000). Spiss il-lingwa, il-konnessjonijiet kulturali jew il-viċinanza ġeografika jista' jkollhom rwol b'rabta ma' fejn tiġi ppreżentata applikazzjoni. Dan kien tipikament il-każ għall-Amerikani Latini (il-Venezwelani u l-Kolombjani, iżda wkoll iċ-ċittadini tal-Gwatemala, il-Ħonduras u n-Nikaragwa) li ppreżentaw l-applikazzjonijiet primarjament fi Spanja. L-ivvjaġġar mingħajr viża jista' jkollu wkoll rwol fejn tiġi ppreżentata applikazzjoni. Xejra ġdida sinifikanti fl-2019 kienet żieda fin-numru ta' applikazzjonijiet ippreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi li ma għandhomx bżonn viża biex jidħlu fiż-żona Schengen, li ammontaw għal aktar minn kwart tal-applikazzjonijiet kollha (madwar 188 500).

**Figura 1. In-numru ta' applikazzjonijiet skont il-pajjiżi riċeventi bl-akbar numri fl-Ewropa, 2018-2019**




*Sors: Il-Eurostat.*

Fl-2019, il-pajjiżi tal-UE+ ħarġu madwar 585 000 deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet tal-prim'istanza. Dan indika kontinwazzjoni tax-xejra ta' tnaqqis fin-numru ta' deċiżjonijiet mogħtija dwar l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali mill-2016. Ħames pajjiżi kienu responsabbli minn tliet kwarti tad-deċiżjonijiet kollha li ttieħdu dwar il-protezzjoni internazzjonali: Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja u Spanja. Il-parti l-kbira tad-deċiżjonijiet tal-prim'istanza nħarġu lil ċittadini tal-Afganistan, tas-Sirja u tal-Venezwela, li jammonta għal kwart tad-deċiżjonijiet kollha fil-pajjiżi tal-UE+ fl-2019. L-applikanti mill-Venezwela, il-Kolombja, El Salvador, il-Palestina, it-Tuneżija, il-Marokk u l-Jemen irċevew ferm aktar deċiżjonijiet fl-2019 meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

Tnejn minn kull ħamsa tad-deċiżjonijiet kollha ta' prim'istanza kienu pożittivi, jiġifieri, taw status ta' refuġjat (li jammonta għal aktar minn nofs id-deċiżjonijiet pożittivi kollha), protezzjoni sussidjarja jew protezzjoni umanitarja (mogħtija f'ishma kważi ndaqs).

Żvilupp notevoli fl-2019 kien l-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi mogħtija lill-applikanti mill-Venezwela. Ir-rata ta' rikonoxximent għall-Venezwelani kienet ta' 96 % fl-2019, meta mqabbel ma' 29 % biss fl-2018. Nazzjonalitajiet oħra b'rati ta' rikonoxximent għoljin kienu jinkludu: Sirjani (86 %), Eritrej (85 %) u Jemeniti (82 %). B'kuntrast ma' dan, l-applikanti mill-Maċedonja ta' Fuq u l-Moldova rċevew l-proporzjon l-aktar baxx ta' deċiżjonijiet pożittivi, b'1 % kull wieħed.

In-numru ta' applikazzjonijiet li ġew irtirati fl-2019 żdied b'20 % biex laħaq madwar 69 500. L-applikazzjonijiet irtirati, speċjalment dawk impliċiti, jistgħu jservu bħala indikatur ta' ħarba u l-bidu ta' movimenti sekondarji lejn pajjiżi oħra tal-UE+. Id-*data* proviżorja tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija (EPS) tal-EASO tissuġġerixxi li kważi tliet kwarti tal-applikazzjonijiet kollha rtirati fil-prim'istanza fl-2019 kienu impliċiti. B'mod konsistenti ma' din l-interpretazzjoni, il-parti l-kbira tal-każijiet ta' rtirar seħħew fl-Istati Membri l-aktar esposti, bħall-Greċja u l-Italja, li flimkien ammontaw għal aktar minn tnejn minn kull ħamsa tal-applikazzjonijiet irtirati kollha.

Fi tmiem l-2019, kważi 912 000 applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali kienu għadhom qed jistennew deċiżjoni f'pajjiżi tal-UE+, li jirrappreżentaw kważi 1 % aktar milli fl-2018. B'mod ġenerali, ix-xogħol b'lura kien għadu ferm ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi, u dan juri l-pressjoni għolja li bħalissa qed joperaw fiha s-sistemi tal-asil tal-UE. Il-Ġermanja baqa' jkollha bil-bosta l-każijiet l-aktar miftuħa, iżda b'kuntrast ma' ħafna pajjiżi oħra tal-UE+, kien hemm tnaqqis fin-numru totali bejn it-tmiem tal-2018 u l-2019. L-istokk tal-kawżi pendenti kien konsiderevoli u qed jikber fil-Belġju, fil-Greċja, fi Franza, fi Spanja u fir-Renju Unit. Kalkoli bbażati fuq id-*data* tal-Eurostat u tal-EASO jenfasizzaw li aktar minn nofs il-każijiet li qed jistennew deċiżjoni, jew aktar minn 540 000, kienu pendenti fil-prim'istanza. Fil-pajjiżi kollha b'żidiet sinifikanti fin-numru ta' kawżi pendenti, ix-xejra kienet xprunata l-aktar mill-fatt li kienu qed jiġu ppreżentati aktar applikazzjonijiet, u għalhekk, il-parti l-kbira tal-ammont pendenti ġie akkumulat fil-prim'istanza.

**Applikazzjonijiet pendenti għal protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+ fi tmiem is-sena, 2014-2019**




*Sors : L-EASO u l-Eurostat.*

**L-ewwel 20 pajjiż ta' oriġini ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+, 2019**




**+20 %**

Żieda fin-numru ta' applikazzjonijiet irtirati fl-2019

**+59 %**

Żieda ta' applikazzjonijiet minn pajjiżi eżentati mill-viża fl-2019

**1/4**

tal-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali kienu minn **3 pajjiżi**: **Is-Sirja**, **l-Afganistan** u **l-Venezuela**

#EASOAsylumReport2020
www.easo.europa.eu/asylum-report-2020
*Sors: EASO*

# 4. Il-Proċedura ta' Dublin



Ir-Regolament ta' Dublin III għandu l-għan li jiddefinixxi metodu ċar u li jiffunzjona biex jiddetermina liema Stat Membru huwa responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' kull applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. L-objettiv tiegħu huwa li jiggarantixxi li l-applikanti jkollhom aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u li l-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni ssir minn Stat Membru wieħed maħtur b'mod ċar. Jekk, wara l-eżaminazzjoni tal-kriterji ta' Dublin, joħroġ li Stat Membru ieħor huwa responsabbli mill-ipproċessar ta' applikazzjoni, is-sistema ta' Dublin tipprevedi l-possibbiltà għat-trasferiment fiżiku tal-applikant lejn l-Istat Membru responsabbli maħtur.

Abbażi ta' *data* skambjata permezz tal-EPS tal-EASO, kien hemm żieda ta' 3 % fin-numru ta' deċiżjonijiet dwar talbiet ta' Dublin maħruġa fl-2019 meta mqabbel mal-2018. Dan irrappreżenta kważi 145 000 deċiżjoni b'kollox, inklużi kemm talbiet kif ukoll talbiet għal rieżaminazzjoni. Il-proporzjon ta' deċiżjonijiet ta' Dublin meta mqabbel mal-applikazzjonijiet għall-asil ippreżentati kien ta' 20 % fl-2019, li jista' jimplika li numru kbir ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali komplew bil-movimenti sekondarji fil-pajjiżi kollha tal-UE+.

**Fl-2019, il-pajjiżi tal-UE+ implimentaw madwar 27 200 trasferiment, li jirrappreżentaw 3 % anqas mill-2018**

Bħal fis-snin preċedenti, il-Ġermanja u Franza rċevew il-parti l-kbira tad-deċiżjonijiet bi tweġiba għat-talbiet ta' Dublin, li kull wieħed minnhom jirrappreżenta biss terz tad-deċiżjonijiet kollha. Il-pajjiż ewlieni li wieġeb għat-talbiet baqa' l-Italja, segwit mill-Ġermanja, Spanja, il-Greċja u Franza. Ir-rata ta' aċċettazzjoni totali għal deċiżjonijiet dwar it-talbiet ta' Dublin, imkejla skont il-proporzjon ta' deċiżjonijiet li jaċċettaw ir-responsabbiltà mid-deċiżjonijiet kollha maħruġa, naqset għat-tieni sena konsekuttiva fl-2019, għal 62 %.

L-evokazzjoni tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament ta' Dublin, magħrufa bħala l-klawżola diskrezzjonarja jew ta' sovranità, naqset b'mod sinifikanti fl-2019 għal 6 900 każ. Skont din il-klawżola, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, anki jekk din ma tkunx ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji tar-Regolament ta' Dublin III.

Il-pajjiżi tal-UE+ implimentaw madwar 27 200 trasferiment, tnaqqis ta' 3 % meta mqabbel mal-2018, li huwa konformi mat-tnaqqis żgħir fit-talbiet aċċettati. Madwar 30 % tat-trasferimenti ġew implimentati mill-Ġermanja, segwita minn Franza (20 %), in-Netherlands (11 %), il-Greċja (9 %), il-Polonja u l-Awstrija (5 % kull wieħed).

Fl-2019 seħħew relattivament ftit żviluppi leġiżlattivi u ta' politika marbuta mal-proċedura ta' Dublin, bl-eċċezzjoni ta' pajjiżi li qed jesperjenzaw żieda sinifikanti fin-numru ta' applikanti għall-asil imqiegħda fi proċeduri ta' Dublin, bħall-Belġju u n-Netherlands. Il-parti l-kbira ta' dawn l-iżviluppi kienu relatati mal-bidliet istituzzjonali u organizzattivi biex jitnaqqas ix-xogħol b'lura u tiżdied l-effiċjenza fis-sistema ta' Dublin.

Sakemm issir ir-riforma futura tas-sistema ta’ Dublin, il-qrati Ewropej u nazzjonali komplew jinterpretaw uħud mir-regolamenti u d-direttivi, filwaqt li jipprovdu gwida bbażata fuq każijiet individwali. Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta’ Dublin III, l-Istati Membri għandhom isiru responsabbli biex jeżaminaw applikazzjoni jekk ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hemm difetti sistemiċi fil-proċess tal-asil u fil-kundizzjonijiet ta’ akkoljenza fl-Istat Membru li se jiġi maħtur bħala responsabbli abbażi tal-kriterji ta’ Dublin. Fl-2019, it-trasferimenti lejn pajjiżi oħra ma kienu sistematikament sospiżi lejn l-ebda Stat Membru. Madankollu, hemm ħafna varjazzjoni fil-prattiki fl-Istati Membri meta jiġu sospiżi t-trasferimenti lejn Stati Membri speċifiċi ta’ Dublin.

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili esprimew tħassib dwar il-lakuni fil-metodoloġija u l-funzjonament tas-sistema ta’ Dublin fil-prattika. Id-drittijiet tal-applikanti għandhom jiġu salvagwardjati, filwaqt li fl-istess ħin ma jitħallewx isiru movimenti sekondarji lejn Stat Membru ieħor. Għandu jkun hemm inċentivi pożittivi kemm għall-applikanti kif ukoll għall-pajjiżi biex isegwu l-proċeduri tas-sistema, minflok iżidu r-restrizzjonijiet tal-Istati Membri.

# 5. Minorenni mhux akkumpanjati u applikanti vulnerabbli

L-acquis dwar l-asil tal-UE jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-identifikazzjoni u l-għoti ta’ appoġġ lill-applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali. B’mod ġenerali, l-identifikazzjoni effettiva u rapida ta’ applikanti vulnerabbli tibqa’ sfida, speċjalment fir-rigward tal-vulnerabbiltajiet mhux viżibbli, bħal konsegwenzi psikoloġiċi ta’ tortura jew trawma.

Fost l-applikanti vulnerabbli, wieħed mill-gruppi ewlenin huwa dak tal-minorenni mhux akkumpanjati li jfittxu protezzjoni mingħajr il-kura ta’ adult responsabbli. Fl-2019, ġew ippreżentati madwar 17 700 applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minn minorenni mhux akkumpanjati f’pajjiżi tal-UE+, li jirrappreżenta tnaqqis ta’ 13 % meta mqabbel mal-2018. L-applikazzjonijiet minn minorenni mhux akkumpanjati ammontaw għal 2 % tan-numru totali ta’ applikazzjonijiet.

Bħal fis-snin preċedenti, fl-2019 tnedew ħafna inizjattivi biex titjieb is-sitwazzjoni tal-applikanti vulnerabbli. Xi pajjiżi introduċew miżuri għall-identifikazzjoni bikrija u l-forniment ta’ salvagwardji proċedurali. Ittieħdu wkoll passi biex jitjiebu jew jiġu aġġustati l-metodoloġiji ta’ valutazzjoni tal-età, filwaqt li s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali komplew josservaw il-lakuni u n-nuqqasijiet fil-proċess. Ġew introdotti bidliet leġiżlattivi u ta’ politika għar-rappreżentanza legali biex titħaffef il-ħatra ta’ tuturi u titjieb il-kwalità ġenerali tas-sistema ta’ tutela.

Kundizzjonijiet ta’ akkoljenza fqar u detenzjoni ta’ applikanti għall-asil minorenni mhux akkumpanjati baqgħu ta’ tħassib f’diversi pajjiżi

L-organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili kkummentaw dwar titjib fil-proċess tal-ħatra, il-kamp ta’ applikazzjoni tal-kompiti tat-tutur, il-komunikazzjoni bejn ir-rappreżentant u l-wild minuri u l-ammont ta’ xogħol tat-tutur u t-taħriġ b’mod ġenerali. Biex jipprovdu informazzjoni b’mod aktar ċar, xi pajjiżi tal-UE+ adattaw materjal ta’ komunikazzjoni dwar l-asil u l-akkoljenza għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni. Madankollu, gruppi vulnerabbli oħra ma kinux tipikament koperti b’dawn l-inizjattivi.

Fil-proċeduri tal-prim’istanza, kienu biss ftit l-inizjattivi li ġew irrapportati li jtejbu l-proċeduri għall-minorenni u li jiżguraw l-aħjar interess tagħhom. Jidher li ngħatat ftit aktar attenzjoni lejn it-tisħiħ tal-proċeduri għal bniet f’riskju ta’ mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF), vittmi ta’ vjolenza domestika, vittmi ta’ traffikar u applikanti leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI).

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta’ akkoljenza, l-isforzi mill-pajjiżi tal-UE+ fl-2019 iffukaw fuq l-aġġustament tal-kapaċità fil-faċilitajiet u ż-żieda fil-kwalità tal-kundizzjonijiet ta’ akkoljenza għall-minorenni u l-applikanti vulnerabbli; it-titjib tal-faċilitajiet ta’ akkoljenza speċjalizzati; u t-taħriġ tal-persunal li jimmaniġġja lil applikanti vulnerabbli, speċjalment minorenni mhux akkumpanjati. Madankollu, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili esprimew tħassib dwar kundizzjonijiet ta’ akkoljenza fqar għal persuni vulnerabbli f’għadd ta’ pajjiżi. Barra minn hekk, id-detenzjoni ta’ applikanti vulnerabbli, speċjalment tfal, kompliet tqajjem mistoqsijiet fundamentali f’ħafna pajjiżi tal-UE+, u saret is-suġġett ta’ diversi deċiżjonijiet fil-qrati Ewropej u dawk nazzjonali.

Is-sitwazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati fi tranżitu kienet ta' tħassib kemm għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa kollha. Minħabba raġunijiet varjati u kumplessi, inkluż it-tul tal-proċess tal-asil u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Dublin III, it-tfal mhux akkumpanjati spiss jippruvaw jibqgħu mhux identifikati u jgħaddu minn pajjiż wieħed jew aktar biex jaslu fi Stat Membru partikolari.



# 6. Il-punti ewlenin fil-livell nazzjonali

Ġew innotati numru ta' żviluppi fl-oqsma tematiċi ewlenin tas-SEKA implimentati fil-livell nazzjonali fl-2019.

### Aċċess għall-proċedura

Il-parti l-kbira tal-pajjiżi tal-UE+ iffokaw fuq l-implimentazzjoni u t-titjib tal-proċeduri nazzjonali tal-asil skont il-bidliet fil-leġiżlazzjoni, il-politika u l-prattika introdotta matul dawn l-aħħar snin. Dawn il-bidliet mis-snin preċedenti inkludew l-istabbiliment ta' ċentri tal-wasla, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda li jappoġġaw l-identifikazzjoni tal-applikant u l-estensjoni tad-dmir tal-applikant li jikkoopera u jipprovdi d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni rilevanti kollha fl-istadji bikrija tal-proċedura.

Dibattitu pubbliku ffoka fuq kwistjonijiet legali, politiċi u tas-soċjetà fundamentali fir-rigward tal-fruntieri esterni tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fil-Baħar Mediterran, l-iżbark u r-rilokazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet il-ħtieġa ta' soluzzjoni temporanja aktar strutturata u bdiet tikkoordina azzjoni biex tiżgura żbark sikur u rilokazzjoni rapida tal-migranti salvati, bi pjanijiet għall-iżvilupp ta' proċeduri operattivi standard.

Bħala miżura biex jiġu kkontrollati l-fruntieri tal-art b'mod aktar strett, diversi Stati Membri reġgħu introduċew temporanjament il-kontrolli fil-fruntieri interni ta' Schengen. Madankollu, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili komplew jirrapportaw dwar pushbacks fil-fruntieri tal-art u tal-baħar, it-tneħħija mingħajr identifikazzjoni xierqa u perjodi ta' stennija twal għar-reġistrazzjoni u l-akkomodazzjoni.

### Aċċess għall-informazzjoni

Persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali jeħtieġu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jikkomunikaw bis-sħiħ il-ħtiġijiet ta' protezzjoni u ċ-ċirkostanzi personali tagħhom u biex dawn ikunu vvalutati b'mod komprensiv u ġust.

Fl-2019, il-pajjiżi tal-UE+ komplew jespandu l-metodi ta' forniment ta' informazzjoni kemm lil dawk li jfittxu l-asil kif ukoll lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, xi drabi permezz ta' proġetti konġunti ma' NGOs jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Ġeneralment, l-informazzjoni kienet fornita f'diversi lingwi permezz ta' pjattaformi ta' informazzjoni, fuljetti, opuskoli, filmati jew applikazzjonijiet għall-ismartphones. L-informazzjoni li qed jipprovdu l-pajjiżi bħalissa tinkludi mhux biss l-aspetti tal-proċedura tal-asil iżda wkoll is-sitwazzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum fil-pajjiż ospitanti, l-integrazzjoni, ir-ritorn, ir-risistemazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni. Xi materjal huwa adattat b'mod partikolari għall-applikanti vulnerabbli.

### Assistenza u rappreżentanza legali

Fl-2019, il-pajjiżi tal-UE+ introduċew bidliet leġiżlattivi biex jipprovdu u jespandu konsulenza legali bla ħlas u pariri lill-applikanti kollha għal protezzjoni internazzjonali permezz ta' diversi programmi nazzjonali. Il-pajjiżi tal-UE+ implimentaw proġetti ġodda relatati mal-assistenza legali, kif ukoll komplew jew espandew dawk preċedenti. Tħassib espress minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kien jinkludi kumpens finanzjarju baxx għall-assistenza legali; nuqqas ta' faċilitajiet adegwati biex jitwettqu intervisti ta' tħejjija u privati; nuqqas ta' aċċess għall-assistenza legali fl-abbozzar ta' appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-prim'istanza jew nuqqas ta' għajnuna legali pprovduta mill-gvern għall-applikanti tal-asil f'ċentri ta' detenzjoni li rriżultaw f'NGOs jagħtu għajnuna legali bla ħlas.

### Interpretazzjoni

Jeħtieġ li jkun hemm servizzi ta' interpretazzjoni biex jiżguraw li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-applikant u l-awtorità tal-asil ikun preċiż u jinftiehem miż-żewġ partijiet.

Fl-2019, il-bidliet f'dan il-qasam kienu jinkludu l-espansjoni tal-baġits allokati għall-forniment ta' interpretazzjoni, iż-żieda fin-numru ta' interpreti, l-għoti ta' aktar informazzjoni f'aktar lingwi permezz ta' varjetà ta' midja, it-tnedija ta' teknoloġiji moderni biex jappoġġaw l-interpretazzjoni u l-aġġustament tal-prattiki għall-ħtiġijiet attwali. L-isfidi ffaċċjati mill-pajjiżi tal-UE+ kienu jinkludu nuqqas ta' persunal f'ċerti stadji tal-proċedura tal-asil u nuqqas ta' kwalifiki tal-interpreti involuti fil-proċess.

### Proċeduri speċjali

Waqt l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-prim'istanza, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri speċjali – bħal proċeduri aċċellerati, proċeduri tal-fruntiera jew proċeduri prijoritarji – filwaqt li jibqgħu jaderixxu mal-prinċipji u mal-garanziji bażiċi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-asil.

Fl-2019, l-Italja u l-Iżvizzera implimentaw proċeduri ġodda għall-applikazzjonijiet magħmula fil-fruntiera. Barra minn hekk, numru ta' pajjiżi tal-UE+ għamlu bidliet fil-listi nazzjonali tagħhom ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, filwaqt li oħrajn – bħal Ċipru u l-Italja – introduċew dawn il-listi għall-ewwel darba. Għall-ewwel darba ntużat proċedura aċċellerata f'Ċipru, u minn Marzu 2019, l-Iżvizzera applikat il-proċedura aċċellerata bil-għan li tasal għal deċiżjoni fil-maġġoranza tal-każijiet fi żmien 140 jum.

Il-pajjiżi tal-UE+ iffokaw ukoll fuq id-definizzjoni ta' kriterji għal applikazzjonijiet sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali biex jiġi evitat l-użu ħażin tas-sistema tal-asil billi jiġu ppreżentati applikazzjonijiet ripetuti mingħajr ebda mertu.

Fil-qafas ta' proċedura regolari jew speċjali, xi pajjiżi taw prijorità lill-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet minn gruppi speċifiċi ta' applikanti sabiex jiġu pproċessati qabel applikazzjonijiet oħra. Pereżempju, minħabba żieda qawwija f'applikanti mill-Venezwela u pajjiżi oħrajn tal-Amerika Latina, Spanja pprijoritizzat il-każijiet tagħhom biex jitħaffu d-deċiżjonijiet.

### Proċeduri ta' prim'istanza

Biex titjieb l-effiċjenza fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u jitnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar fil-prim'istanza, il-pajjiżi tal-UE+ implimentaw emendi leġiżlattivi, bidliet istituzzjonali, miżuri prattiċi u metodi ġodda ta' ħidma. L-isfidi li tqajmu mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom jinkludu proċeduri ta' prim'istanza twal wisq, li ta' spiss imorru lil hinn mil-limiti legali.

### Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali

Il-pajjiżi tal-UE+ iffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-bidliet sinifikanti li ġew introdotti fl-2018 fl-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' akkoljenza nazzjonali. Diversi pajjiżi pperfezzjonaw l-oqfsa istituzzjonali tagħhom biex jiffaċilitaw il-proċess ta' implimentazzjoni, u oħrajn komplew bl-isforzi tagħhom biex jespandu l-akkomodazzjoni għan-numru akbar ta' applikanti. Xi ftit pajjiżi naqqsu l-kapaċità ta' akkoljenza.

Biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, diversi pajjiżi stabbilixxew linji gwida, implimentaw monitoraġġ, żiedu l-finanzjament u wettqu eżerċizzji ta' simulazzjoni.

Xi inizjattivi matul is-sena kellhom l-għan li jibdlu t-tul, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-intitolament għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għal ċerti gruppi ta' applikanti. Ittieħdu wkoll inizjattivi biex tiġi indirizzata mġiba ta' tfixkil u biex tiġi żgurata s-sikurezza fil-faċilitajiet ta' akkoljenza. Il-qrati kienu partikolarment attivi fl-indirizzar tan-nuqqasijiet fis-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza, inkluż ir-rieżami tal-istandards ta' akkoljenza lil hinn mill-fruntieri nazzjonali fil-kuntest tat-trasferimenti ta' Dublin.

Madankollu, il-UNHCR u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili identifikaw nuqqasijiet fl-aċċess għall-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni għat-tfal u ż-żgħażagħ.

### Detenzjoni

Ġew introdotti leġiżlazzjoni ġdida jew emendi minn pajjiżi tal-UE+ biex ikomplu jiddefinixxu jew jelaboraw aktar ir-raġunijiet għad-detenzjoni u l-alternattivi għad-detenzjoni fil-kuntest kemm ta' asil kif ukoll ta' proċeduri ta' ritorn. Il-leġiżlazzjoni indirizzat kwistjonijiet ma' applikanti li ma jikkooperawx; applikanti li jippreżentaw theddida jew periklu għas-sigurtà nazzjonali tal-pajjiż ospitanti; każijiet ta' mġiba ta' tfixkil jew transgressiva; u r-riskju ta' ħarba. B'żieda ma' dan, id-detenzjoni kienet marbuta ulterjorment mal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri tal-asil u l-infurzar tar-ritorn.

F'xi pajjiżi ġie nnutat ukoll li kien hemm sforz biex il-politiki jiġu kkonċentrati fuq l-identifikazzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni. Bħal fl-2018, ġie espress tħassib minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'numru ta' pajjiżi dwar l-implimentazzjoni mhux korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-asil fir-rigward tad-detenzjoni tal-applikanti għall-asil u s-salvagwardji fil-proċedura ta' detenzjoni. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) baqgħet attiva fir-rieżami tal-prattiki u l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, filwaqt li ċċarat id-drittijiet tal-applikanti.

### Proċeduri tat-tieni istanza

L-oqsma ewlenin ta' żviluppi fl-2019 inkludew l-effett sospensiv tal-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-prim'istanza; bidliet rigward il-limiti ta' żmien għall-appelli; ristrutturar istituzzjonali biex tiġi ddefinita l-awtorità responsabbli mill-appelli; l-introduzzjoni ta' salvagwardji fornuti lill-applikanti; u miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza tal-proċeduri tat-tieni istanza, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ġodda.

B'mod ġenerali, il-każijiet pendenti ta' appelli u t-tul tal-proċedimenti baqgħu żewġ aspetti notevoli għall-proċeduri fit-tieni istanza fl-2019, b'diversi pajjiżi tal-UE+ jieħdu miżuri biex inaqqsu l-għadd ta' appelli pendenti. Peress li sehem konsiderevoli tad-deċiżjonijiet kien pendenti fit-tieni istanza, il-qrati u t-tribunali kellhom l-opportunità permezz tad-deċiżjonijiet tagħhom li jsawru ulterjorment l-applikazzjoni prattika tal-proċedura tal-asil u oqsma oħra tas-SEKA.

### Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini

Minħabba influss qawwi ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali minn diversi pajjiżi ta' oriġini tul dawn l-aħħar snin, il-pajjiżi tal-UE+ ħadu passi konkreti biex itejbu kemm il-firxa kif ukoll il-kwalità tal-informazzjoni prodotta rigward l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini.

Fl-2019, il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert fost il-pajjiżi tal-UE+ ġew imsaħħa, ħafna drabi kkoordinati mill-EASO permezz ta' networks speċjalizzati. B'żieda ma' dan, ħafna pajjiżi investew fit-taħriġ tal-persunal dwar il-metodoloġija tar-riċerka dwar is-COI, filwaqt li l-missjonijiet għat-tiftix tal-fatti komplew ikunu għodda primarja għall-ġbir ta' informazzjoni u ta' għarfien dettaljat dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu partikolari.

L-isfidi fil-qasam tas-COI inkludew in-nuqqas ta' sorsi fil-lingwi nazzjonali, in-nuqqas ta' informazzjoni dettaljata dwar xi pajjiżi ta' oriġini jew profili tal-applikanti, u d-diffikultà fl-aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar pajjiżi fejn is-sitwazzjoni tinbidel malajr.

### Apolidija

Persuni apolidi u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali huma żewġ kategoriji distinti fid-dritt internazzjonali, iżda persuna tista' tkun kemm benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali kif ukoll apolida. Fil-kuntest tal-asil, l-apolidija tista' taffettwa l-proċess ta' determinazzjoni għal applikazzjoni għal protezzjoni, kif ukoll is-salvagwardji proċedurali.

Għadd ta' pajjiżi tal-UE+ ħadu passi lejn l-indirizzar tal-apolidija fl-2019, inkluż l-adeżjoni ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti, l-istabbiliment ta' proċeduri ddedikati għad-determinazzjoni tal-apolidija, l-għoti ta' aċċess għaċ-ċittadinanza mit-twelid, l-iffaċilitar tal-aċċess għan-naturalizzazzjoni, it-titjib tal-kontenut ta' protezzjoni għal persuni apolidi, l-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' determinazzjoni tal-apolidija u l-previżjoni għall-ġbir ta' *data* taċ-ċensiment dwar persuni apolidi. Madankollu, l-isfidi ffaċċjati minn persuni apolidi fi stadji differenti tal-proċedura tal-asil, mill-aċċess għad-detenzjoni u r-ritorn, jidhru li qed jippersistu.

### Kontenut tal-protezzjoni

Persuni, li ngħataw forma ta' protezzjoni internazzjonali f'pajjiż tal-UE+, jistgħu jibbenefikaw minn firxa ta' drittijiet u benefiċċji. L-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni, fil-politika u fil-prattika dwar il-kontenut tal-protezzjoni kienu differenti fil-pajjiżi kollha tal-UE+ fl-2019, u għalhekk kien diffiċli li t-tendenzi ġenerali jiġu identifikati.

L-inizjattivi tipikament indirizzaw ħtiġijiet partikolari f'kull pajjiż u tfasslu skont il-profili speċifiċi tal-benefiċjarji f'dawk il-pajjiżi. Ħafna żviluppi matul is-sena kienu relatati mal-istrateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni inġenerali u mar-rieżami, il-waqfien u r-revoka tal-istatus ta' protezzjoni.

Diversi inizjattivi leġiżlattivi indirizzaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja u l-kriterji tiegħu, filwaqt li xi pajjiżi żviluppaw miżuri komprensivi biex iżidu l-parteċipazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol.

### Ritorn ta' dawk li qabel kienu applikanti

Il-pajjiżi tal-UE+ komplew bl-isforzi tagħhom fl-2019 biex jidentifikaw soluzzjonijiet għar-ritorn effettiv ta' persuni mingħajr dritt ta' soġġorn fl-UE, inklużi dawk li qabel kienu applikanti għal protezzjoni internazzjonali. Fl-*Analiżi tar-Riskju Annwali għall-2020* tagħha, il-Frontex indikat li n-numru ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa fl-2019 kien ferm ogħla min-numru ta' ritorni effettivi li allegatament twettqu fl-istess sena.

F'dan il-kuntest, għadd ta' emendi leġiżlattivi introdotti mill-pajjiżi tal-UE+ kellhom l-għan li jiffaċilitaw ir-ritorn permezz ta' obbligi addizzjonali ta' kooperazzjoni, ta' tneħħija tal-effett ta' sospensjoni ta' appelli kontra deċiżjonijiet ta' ritorn, ta' żieda fil-possibbiltajiet ta' detenzjoni u ta' tħaffif tal-proċeduri ta' ritorn.

Ġew introdotti wkoll miżuri prattiċi, inklużi linji gwida ġodda u arranġamenti tekniċi, biex jiġu indirizzati sfidi speċifiċi, bħall-abbuż tal-appoġġ finanzjarju għar-ritorn u r-riskju ta' ħarba wara l-ħruġ ta' deċiżjoni negattiva. B'żieda ma' dan, il-pajjiżi tal-UE+ nedew u implimentaw proġetti bil-għan li jtejbu l-kwalità tal-proċess ta' ritorn filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali. Komplew ukoll l-isforzi biex jiġu pprovduti mezzi ta' ritorn volontarju assistit lil dawk li qabel kienu applikanti.

### Programmi ta' risistemazzjoni u ta' ammissjoni umanitarja

Matul l-2019, il-pajjiżi tal-UE+ għamlu progress biex jintlaħaq tal-għan ta' risistemazzjoni ta' 50 000 migrant, kif previst fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tal-2017 skont it-tieni Skema ta' Risistemazzjoni tal-UE.

Fl-2019, madwar 30 700 persuna waslu fl-Ewropa permezz ta' risistemazzjoni, 8 % aktar milli fl-2018. Bħalma kien il-każ għat-tliet snin li għaddew, is-Sirjani kienu jammontaw għal kważi żewġ terzi tal-persuni kollha risistemati. Bi tweġiba għal sejħa mill-Kummissjoni Ewropea, il-pajjiżi tal-UE+ wiegħdu 29 500 post ieħor ta' risistemazzjoni għall-2020.

## Il-passi ewlenin tal-proċedura tal-asil




#EASOAsylumReport2020
www.easo.europa.eu/asylum-report-2020
*Sors: EASO*

# Konklużjonijiet

Fl-2019, in-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali żdied fl-Ewropa għall-ewwel darba mill-2015. F'dan l-isfond, il-pajjiżi tal-UE+ komplew bl-isforzi tagħhom biex jikkalibraw ulterjorment is-sistemi tal-asil tagħhom u jsaħħu s-soluzzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, billi jibnu fuq inizjattivi li ġew introdotti fi snin preċedenti.

Kif spjegat fir-rapport, żviluppi ewlenin kienu jinkludu:

- L-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali pendenti li għadhom qed jistennew deċiżjoni baqgħu ferm ogħla meta mqabbla mal-livell ta' qabel l-2015, u dan juri l-pressjoni qawwija li s-sistemi tal-asil u l-akkoljenza tal-UE+ għadhom qed joperaw fiha.
- Il-movimenti sekondarji tal-applikanti ġibdu dejjem aktar attenzjoni fost il-pajjiżi tal-UE+ u żiedu mad-dibattiti dwar il-funzjonament attwali tal-proċedura ta' Dublin.
- Il-pajjiżi tal-UE+ komplew jagħmlu enfasi fuq ir-reġistrazzjoni rapida u l-ġbir ta' informazzjoni dettaljata mill-applikanti fl-istadji bikrija tal-proċedura tal-asil biex issir distinzjoni aktar effiċjenti bejn il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni u dawk li se jiġu diretti lejn ir-ritorn. Dan sar flimkien ma' miżuri biex jissaħħu l-proċeduri fuq il-fruntiera.
- Kien hemm żieda fl-isforzi fil-pajjiżi kollha tal-UE+ biex jappoġġaw il-ħtiġijiet tal-applikanti b'vulnerabbiltajiet, minn identifikazzjoni bikrija u l-forniment ta' salvagwardji proċedurali għat-titjib ta' faċilitajiet ta' akkoljenza speċjalizzati u l-iżvilupp ta' materjali ta' informazzjoni mfassla apposta b'mod partikolari għall-applikanti minorenni mhux akkumpanjati.
- B'numru konsiderevoli ta' kawżi pendenti fit-tieni istanza, il-qrati u t-tribunali komplew jaqdu rwol importanti fl-iffurmar tal-applikazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet tal-acquis tal-asil Ewropew.
- Minkejja l-isforzi kontinwi mill-pajjiżi tal-UE+ biex jidentifikaw soluzzjonijiet għar-ritorn effettiv ta' persuni mingħajr dritt ta' soġġorn fl-UE, inklużi dawk li qabel kienu applikanti għal protezzjoni internazzjonali, l-għadd ta' ritorni attwali baqa' ħafna anqas minn dak tad-deċiżjonijiet ta' ritorn.
- Fin-nuqqas ta' progress leġiżlattiv ewlieni lejn l-adozzjoni tal-pakkett ta' riforma tas-SEKA, twettqet ħidma konsiderevoli fl-implimentazzjoni tal-politika u fil-kooperazzjoni prattika fost il-pajjiżi tal-UE+ fil-qasam tal-asil.
- Il-kwistjonijiet fundamentali rigward il-fruntieri esterni tal-UE baqgħu fuq quddiem nett tad-dibattitu pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fil-Baħar Mediterran u l-iżbark sikur u r-rilokazzjoni tal-migranti salvati. Iż-żieda fil-flussi migratorji tul ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant amplifikat il-pressjoni li kienet diġà teżisti fuq is-sistemi tal-asil tal-Istati Membri fir-reġjun. Biex jiġu assistiti l-Istati Membri l-aktar esposti tul ir-rotot tal-Mediterran Ċentrali u tal-Lvant, fl-2019 l-EASO tejjeb u, fejn meħtieġ, espanda l-appoġġ operazzjonali tiegħu lil Ċipru, il-Greċja, l-Italja u Malta.

Ix-xejriet deskritti fir-*Rapport tal-EASO dwar l-Asil 2020* jistabbilixxu l-isfond għas-sena attwali. Barra minn hekk, it-tifqigħa globali tal-COVID-19 il-ġdid se jkollha rwol kritiku fit-tfassil ta' żviluppi relatati mal-asil billi tenfasizza l-ħtieġa ta' approċċi innovattivi lejn l-iżgurar tar-rispett sħiħ tad-dritt għall-asil. Bil-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Asil li qed jiġi abbozzat attwalment, it-tagħlimiet misluta mill-pandemija tal-COVID-19 jistgħu jkunu siewja għall-immodernizzar u t-titjib tal-proċeduri tal-asil fil-pajjiżi kollha tal-UE+.

ISBN 978-92-9485-537-4